



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2013
COM(2013) 536 final

2013/0258 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, f'isem l-Unjoni, ta' Protokoll ta' mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Bħala parti mill-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-ftuħ gradwali ta' xi programmi u aġenziji tal-Unjoni għall-parteeipazzjoni tal-pajjiżi sħab tal-PEV jirrappreżenta waħda minn bosta miżuri maħluqa biex jippromwovu r-riforma, il-modernizzazzjoni u t-tranżizzjoni fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ddeskriviet dan l-aspett ta' politika iktar fid-dettall fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Diċembru 2006 “dwar l-approċċ ġenerali biex il-pajjiżi sħab tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji”¹.

Il-Kunsill approva dan l-approċċ fil-konklużjonijiet tiegħu tal-5 ta' Marzu 2007².

Abbażi ta' din il-Komunikazzjoni u ta' dawn il-konklużjonijiet, fit-18 ta' Ġunju 2007, il-Kunsill ħareġ direttivi lill-Kummissjoni biex tinneogzja Ftehimiet Qafas mal-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Moldovja, il-Marokk, l-Awtorità tal-Palestina, it-Tuneżija u l-Ukraina, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji³.

Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2007⁴ afferma mill-ġdid l-importanza suprema tal-PEV u approva Rapport tal-Presidenza dwar il-Progress⁵ li kien ippreżentat fil-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni (KAĠRE) fit-18 u fid-19 ta' Ġunju 2007 kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati⁶. Dan ir-rapport fakkar id-direttivi tal-Kunsill biex jiġu nneogzjati protokoll addizzjonali rilevanti.

Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni"⁷, approvata mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2011, enfasizzat aktar l-intenzjoni tal-UE li tiffaċilita l-parteeipazzjoni tal-pajjiżi sħab fil-programmi tal-UE.

F'Settembru 2011, il-parteeipanti tas-Summit ta' Varsavja tas-Sħubija tal-Lvant qablu li jiffaċilitaw il-parteeipazzjoni ta' pajjiżi sħab fi programmi u aġenziji tal-UE.

Sa issa, ġew iffirmati Protokoll mal-Armenja⁸, mal-Iżrael⁹, mal-Ġordan¹⁰, mal-Moldova¹¹, mal-Marokk¹² u mal-Ukraina¹³.

¹ COM (2006) 724 final tal-4 ta' Diċembru 2006;

² Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni (KAĠRE) tal-5 ta' Marzu 2007;

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (ristretta) li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tinneogzja l-Protokoll [...], Dok 10412/07;

⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Presidenza – Brussell, il-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, Dok 11177/07.

⁵ Ir-Rapport tal-Presidenza dwar il-Progress li jikkonċerna t-“Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat”, Dok 10874/07.

⁶ Il-Konklużjonijiet dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni) fit-18 ta' Ġunju 2007, Dok 11016/07.

⁷ COM (2011) 303 final, tal-25 ta' Mejju 2011.

⁸ *[għad trid tiġi kkompletata bir-referenza tal-ĠU wara l-pubblikazzjoni]*

⁹ ĠUUE L 129/39 tas-17.5.2008;

¹⁰ *[għad trid tiġi kkompletata bir-referenza tal-ĠU wara l-pubblikazzjoni]*

¹¹ ĠUUE L 14/5 tad-19.01.2011, ĠUUE L131/1 tat-18.05.2011, id-dħul fis-seħħ fl-01.05.2011;

¹² ĠUUE L 273/1 tad-19.10.2010, ĠUUE L90/1 tat-28.03.2012, dħul fis-seħħ fl-01.10.2012;

¹³ ĠUUE L 18/1-5 tal-21.01.2011, ĠUUE L 133/1 tal-20.05.2011, dħul fis-seħħ fl-01.11.2011

F'Diċembru 2012, il-Ġeorġja esprimiet l-interess tagħha li tipparteċipa fil-firxa wiesgħa ta' programmi miftuħa għall-pajjiżi sħab tal-PEV. It-test tal-Protokoll innegozjat mal-Ġeorġja jinsab meħmuż.

Hawnhekk, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll. Dan il-Protokoll fih Ftehim Qafas dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni. Fih stipulazzjonijiet standard li huma maħsuba li jiġu applikati għall-pajjiżi sħab kollha tal-PEV li magħhom għandhom jiġu konklużi dawn il-protokolli. It-test innegozjat jipprevedi wkoll li l-Partijiet japplikaw b'mod provviżorju d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Protokoll mid-data ta' meta jiġi ffirmat.

B'mod parallel, il-Kummissjoni tippreżenta proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll imsemmi.

Il-Kunsill huwa mistieden jadotta d-Deċiżjoni proposta li ġejja.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja, f'isem l-Unjoni, ta' Protokoll ta' mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Ġunju 2007 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja Protokoll ta' mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-wahda¹⁴, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni ("il-Protokoll"),
- (2) Dawn in-negozjati ġew konklużi.
- (3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll ta' mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") b'dan qed jiġi awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu¹⁵.

¹⁴ ĠUUE L205, 04.08.1999, p. 3.

¹⁵ It-test tal-Protokoll se jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ dakinhar tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

PROTOKOLL

ta' mal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, li jikkonċerna Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja, dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteeċipazzjoni tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni”,

min-naħa l-waħda,

u

Il-ĠEORĠJA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “il-Ġeorġja”

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa konġuntament “il-Partijiet”

Billi:

- (1) Il-Ġeorġja kkonkludiet Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejħa “il-Ftehim”), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1999.
- (2) Il-Kunsill Ewropew ta' Brussell tas-17 u tat-18 ta' Ġunju 2004 laqa' l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea għal Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) u approva l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2004.
- (3) F'haġna okkażjonijiet oħrajn, il-Kunsill laħaq konklużjonijiet li jiffavorixxu din il-politika.
- (4) Fil-5 ta' Marzu 2007, il-Kunsill esprima appoġġ għall-approċċ ġenerali u globali deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-4 ta' Diċembru 2006 sabiex is-sħab tal-PEV jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw fl-aġenziji Komunitarji u fil-programmi Komunitarji skont il-merti tagħhom u meta l-bażijiet ġuridiċi jippermettu li jsir dan.
- (5) Il-Ġeorġja esprimiet ix-xewqa tagħha li tipparteċipa f'għadd ta' programmi tal-Unjoni.
- (6) It-termini u l-kondizzjonijiet speċifiċi, b'mod partikolari l-kontribuzzjoni finanzjarja u l-proċeduri ta' rapportar u ta' evalwazzjoni, fir-rigward tal-parteeċipazzjoni tal-Ġeorġja f'kull programm partikolari, għandhom jiġu ddeterminati fi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ġeorġja titħalla tipparteċipa fil-programmi kollha tal-Unjoni attwali u futuri miftuħa għall-parteeipazzjoni tal-Ġeorġja f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti li jadottaw dawn il-programmi.

Artikolu 2

Il-Ġeorġja tikkontribwixxi finanzjarjament għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea li jikkorrespondi mal-programmi speċifiċi li fihom tipparteċipa l-Ġeorġja.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti tal-Ġeorġja jitħallew jieħdu sehem bħala osservaturi u, għall-punti li jikkonċernaw lill-Ġeorġja, jitħallew jipparteċipaw fil-kumitati tal-ġestjoni responsabbli mill-monitoraġġ tal-programmi li l-Ġeorġja tikkontribwixxi finanzjarjament għalihom.

Artikolu 4

Proġetti u inizjattivi mressqa minn parteċipanti mill-Ġeorġja jkunu soġġetti, sa fejn ikun possibbli, għall-istess kundizzjonijiet, regoli u proċeduri li għandhom x'jaqsmu mal-programmi kkonċernati, li jiġu applikati għall-Istati Membri.

Artikolu 5

It-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-parteeipazzjoni tal-Ġeorġja f'kull programm partikolari, speċjalment il-kontribuzzjoni finanzjarja pagabbli u l-proċeduri tar-rapportar u tal-evalwazzjoni, jiġu determinati fi ftehim bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġeorġja, abbażi tal-kriterji stabbiliti mill-programmi kkonċernati.

Jekk il-Ġeorġja tapplika għall-assistenza esterna tal-Unjoni biex tipparteċipa fi programm tal-Unjoni partikolari abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali għat-twaqqif ta' Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija jew skont kwalunkwe Regolament simili li jipprovdi għall-assistenza esterna tal-Unjoni lill-Ġeorġja li jista' jiġi adottat fil-futur, il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu mill-Ġeorġja tal-assistenza esterna tal-Unjoni jiġu determinati fi ftehim dwar il-finanzjament li, b'mod partikolari, jirrispetta l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1638/2006.

Artikolu 6

Kull ftehim konkluż skont l-Artikolu 5 jistipula, f'konformità mar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, li l-kontrolli jew l-awditi finanzjarji jew verifiki oħra, inklużi l-investigazzjonijiet amministrattivi se jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u mill-Qorti tal-Awdituri, jew taħt l-awtorità tagħhom.

Għandhom isiru dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-kontroll u l-awditjar finanzjarju, il-miżuri amministrattivi, il-penali u l-irkupru li jippermettu l-għoti lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi u lill-Qorti tal-Awdituri ta' setgħat ekwivalenti għas-setgħat tagħhom fir-rigward tal-benefiċjarji jew tal-kuntratturi stabbiliti fl-Unjoni.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll japplika għall-perjodu li matulu jkun fis-seħħ il-Ftehim.

Dan il-Protokoll jiġi ffirmat u approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri rispettivi tagħhom.

Kull Parti tista' tiddenunzja dan il-Protokoll permezz ta' notifika bil-miktub lill-Parti l-oħra.

Dan il-Protokoll jintemm sitt xhur wara d-data li fiha ssir din in-notifika.

It-terminazzjoni tal-Protokoll li tiġi wara d-denunzja minn kwalunkwe waħda mill-Partijiet ma tinfluwenza bl-ebda mod l-ispezzjonijiet u l-kontrolli li għandhom jitwettqu f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 5 u 6 fejn xieraq.

Artikolu 8

Iż-żewġ Partijiet jistgħu jeżaminaw mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' dan il-Protokoll, abbażi tal-parteċipazzjoni effettiva tal-Ġeorġja fil-programmi tal-Unjoni, sa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll, u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem.

Artikolu 9

Dan il-Protokoll japplika, min-naħa l-waħda, għat-territorji li fihom japplika t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat, u min-naħa l-oħra, għat-territorju tal-Ġeorġja.

Artikolu 10

Dan il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin permezz ta' mezzi diplomatiċi dwar it-tlestija tal-proċeduri tagħhom meħtieġa biex dan jidħol fis-seħħ.

Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet jaqblu li japplikaw provviżorjament dan il-Protokoll mid-data ta' meta jiġi ffirmat, sakemm tintlaħaq il-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll jifforma parti integrali mill-Ftehim.

Artikolu 12

Dan il-Ftehim jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Isvediż, bil-Latvjian, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bil-Ġeorġjan, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Ġeorġja